fl-1939, inqalgħet it-Tieni Gwerra l-Kbira, lill-Patri Meilak il-Gvern Taljan, żammu priġunier, bħala sudditu Ingliż, l-ewwel f'Firenze, imbagħad f'Gallarate u fl-aħħar f'Salluzzo.

Wara l-Gwerra, Patri Meilak reġa' sab ruħu hawn Malta inkarikat bħala Rettur mill-Knisja u Dar ta' Sarria. Kemm dam jamministra Rettur fil-Knisja ta' Sarria, bdew isiru funzjonijiet kbar u tiżjin mill-isbaħ fil-Festa tal-Kunċizzjoni u festi oħra li soltu kienu jsiru, fosthom, ta' Sant'Injazju, tal-Qalb ta' Ġesù, tal-Milied, eċċ. Kien dak iż-żmien li Patri Meilak kont issibu jaħdem fid-dizzjunarju Malti, u jikteb l-Istorja tal-Ġiżwiti f'Malta, kif ukoll l-Istorja tal-Knisja tal-Manresa tal-Furjana. Wara xi żmien, Patri Meilak ittieħed il-Kulleġġ ta' San Lwiġi, Birkirkara, biex jilħaq id-dmirijiet ta' Ekonomu, minn hemm imbagħad, ittieħed fid-Dar tal-Ġiżwiti, in-Naxxar, u min-Naxxar, wara sena, telaq għal Għawdex fid-Dar tal-Manresa, dari msejħa "Casa Santa", fejn issa qed jassisti fid-dmirijiet kollha spiritwali ta' dak il-post ta' l-Irtir.

Hawnhekk, Patri Meilak, sab ruħu fi stat illi, barra d-dmirijiet tiegħu reliġjużi, kien jista' jissokta x-xogħol tiegħu ta' kitba ta' tradduzzjonijiet bil-Malti ta' kotba spiritwali li għandhom x'jaqsmu marreguli tal-Kumpannija ta' Ġesù u kotba oħra reliġjużi kif kultant kien ikun mitlub mis-Superjuri tiegħu, kif ukoll jedha bix-xogħol tad-dizzjunarju Malti li fih għadu jaħdem sal-lum, xogħol ta' fejda mill-akbar għall-istudju tal-lessiku Malti.

Patri Meilak, barra milli hu Membru tal-Għaqda, huwa wkoll wieħed mill-kollaburaturi qodma ta' "*Il-Malti*", u 'l hawn u 'l hinn, barra minn xi proża, ġie li qrajna versi bil-Malti ħelwin mill-pinna tiegħu. Mill-proża, għal dik li hi terminolġija teknika, ta' min isemmi dik bl-isem ta' "Mill-Qamħa għall-Ħobża".

Filwaqt li nġeddu l-ferħ tagħna f'din l-okkażjoni sabiħa tal-Ġublew tad-Djamanti tal-ħajja reliġjuża tiegħu fil-Kumpannija ta' Ġesù, nitolbu lis-Sema li hu jibqa' fostna għal bosta u bosta snin oħra għall-ġid tal-Knisja, tal-Komunità reliġjuża, u mhux inqas ukoll għall-fejda ta' l-Ilsien Malti.

---

## REBUS GRAMMATIKALI

F'dawn il-kelmiet liema huwa s-suffis tal-femmemnil: *ja* jew *a*? GĦALIEX?

*Ġerrejja; ġejja; mistħija; mdorrija; miexja.*



## XEWQAT

Ta' Ġ. BORG PANTALLERESCO

Lil Kavalier Professur Ġużè Galea
nhar il-Għid, 1964.

Jalla
meta l-ġilju għar-raġġi sbieħ tax-xemx
ibexxaq fommu
tilmaħ fil-bjuda ta' ħdanu
il-paċi t'Alla;
u fil-fwieħa tal-ward
il-kbira mħabba tiegħu.

Jalla,
taħt das-sema minn ġewn in-nir
tara jitbiegħed minnek il-hemm
u d-dmugħ ta' din il-ħajja.

Dan
u elf ġmiel ieħor tas-Sema
nixtieqlek f'dan il-Għid.
Mal-fwieħa tal-vjoli u ż-żahar
iż-żiffa ħelwa t'April
twassallek il-palpitu ta' qalbi
u s-sliem
biex ikattrulek il-ġmiel u l-ferħ
li jagħmlu sbieħ dal-jiem.

---

MIN JIXTIEQ JITĦARREĠ FIL-MALTI
JAQRA "IL-MALTI".